# Aki Salmela *(Finlandja)*

***Traduzzjoni ta' Simone Inguanez***

**Poeżija**

- *Il-Kunstkammer*
- *Mix-xej'*
- *Għażiża Poeżija*

**Proża Poetika**

- *Ħuta / Ritratt tal-Ħajja Ħuta*
- *Sigarett*
- *Limbu*

**IL-KUNSTKAMMER**[1]

Ħażin ma kienx
imma jfaqqa' żarbun griż,
ma' kalzetti bojod silġ.
Waqqafni 'kk smajtha din.
Ieqaf teftef f'xi mandolina
hu u jgħodd flusu.
X'jiġifieri jkollok stil? Hekk jew le?
Dan mhux xogħol skular.
Dan bla xema'.
U issa għal xi ħaġa differenti.
Tħammiġx! It-tipjip joqtol.
Titmax l-iljun.
Tgħidx le iktar minn darbtejn.
Għaxar iljunfanti żgħar
għaddew 'l isfel. Xemxi,
riħ mill-grigal  jilħaq qawwa ta' riefnu.
Il-lejla t-tajba. Dallejl
tnewwaħx. Inbegħlek
sintassi farka użata?
Mitluq, bdejt togħnos.
'kk għandek ftit żewġ liri
id-dieħla nżerżaqhomlok.
Tixtri karozza użata mingħand da'?
Il-ħajja ħolma.

---

[1] Mużew tal-kurżitajiet f'San Pietruburgu

## 3  Aki Salmela

B’liem’ patata?
Hawn qed jidlam sew,
daqt ma tarax iktar x’inti tgħid.
fatta la żorba.
Il-kalzetti fuq ir-redijejter.
Gedwid, għajjat.
Fuq il-gandilabru, xemgħat
jinħallu. L-anġli
weħlu f’nofshom.
Niskużaw ruħna għall-qtugħ.
Għandek tliet messaġġi ġodda.
Jien Tarżan, int Jane?
Toħroġ miegħi xi darba
l-ġimgħa d-dieħla? Tassew?
F’dis-sentenza, nammetti,
influwenzat minn Charles Bernstein.
Plaġjariżmu sfrenat! Bil-barka kollha.
Grazzi talli ġejt! Erġa’ ejja.
Forsi għad issuq xi Austin.
Ħobż u ċrieki.
Xewqat sbieħ ’il kulħadd.
M’hemmx xi wieħed akbar?
Mhux letteralment kont qed ngħid!
Xi trid tgħid?
Mirtill, frawli.

*Just say "Bud"*.
SPAZJU KUMMERĊJALI GĦALL-KIRI
Dak il-moral kollu.

(2004)

5  Aki Salmela

**Mix-xej’**

Il-mewt, kitbet.
Buffu jiżżagħbel tul il-palk
ġelġil iġelġel ma’ subaj saqajh.

L-ilħna tbaxxew qajl qajl sa m’għerqu.

Mid-dlam lebbet żiemel abjad
tfajla toqmos fuq dahru.
Kellmitu f’widnejh, u dar

faħma minn spettru sħiħ ta’ lwien, u għab
u t-tfajla telaqha riekba x-xej’
iddur iddur mal-wesgħa, ħalqa mċarrat.

U tiġi leħħa, u għal waqt dija
bħal pjaċir ġewwien amin.

(2004)

**Għażiża Poeżija**

Għażiż poeta, ma nixtieqx nirrepeti
dak l'int tirrepeti, dak li tirrepeti; għażiż,
għajjatt jien,
għajjatt int, aħna
għajjatna lkoll:
missiernaliintifissmewwiet
jitqaddesisem
ir-repetizzjoni, u

darba waħda ġara li

Gidem xofftu, u gidem ilsienu
u għajjat il-paradigma għażiża:

*fiat lux*

bħal, iva, mela darba

Għażiża poeżija mżejna referenzi,
dan hu l-mod li nuri l-jien tiegħi nnifsi,
lir-ritmu tat-tlebbit bla nifs
*clipclopclipclopclipclopclipclop*
*snipssnapssnips, sniper*
*tinker, tailor*
*soldier, sailor*

poeta liriku
kisser il-lira li kellu

*omnia interit*
*nihil mutatur*

Għażiż pessimist,

jekk tkun ħiereġ, tieħdu ż-żibel? Għażiż,
o indirizzat sorpriż, tiħodha
s-sentenza lejn it-tmiem inevitabbli tagħha.
Għażiża lejla nojjuża, eterna:
arja

tistrieħ mal-qċaċet tal-muntanji.”

(2005)

**Ħuta [Ritratt tal-ħajja ħuta]**

Ħafna tajba din il-ħuta, imma ma tiġbdekx. Tagħti lemħa ’l ħajja – mitluqa fuq il-mejda kiesħa, fil-kċina. Għerja ħuta, għerja min-natura ta’ ħuta. Għadhom jarmu d-dawl tal-mewġ safi, ħbub għajnejha – il-ġenna fonda kkonvertita, li taf tgħaddi minn fuq rasna bħal misteru.

’Kk tagħfas widintek kemm tiflaħ, taf tisma’ l-mewġ ipespes minn taħt qxurha goff, u taf kważi taqra l-messaġġ kwiet li qandlet magħha mill-qiegħ. *L-ilmijiet fondi kollha skuri*, forsi tpespes, li kellha sehem minn dil-lingwa. Għax m’għandhiex, tikkuntenta bi tnehida. U kemm jitniehed bil-mod il-mewġ mill-qxur tal-ħut stendut, bħas-sliem tassew li l-ħajja stess ma tifhem qatt sew f’kulmin għandu biċċa minnha. U kemm ipespes bil-mod il-mewġ mill-qxur tal-ħut stendut bħal ninfa tpespes ’l-għaxwa li’qas biss nistħajlu naqbdu tarfha, ma jseħħilna. U kemm ipespes bil-mod il-mewġ fil-qxur tal-ħut stendut, bħal ħalel li jġibu u jieħdu lura dan il-ħsieb, u kulmin jimmansah l-istess ħsieb.

X’iktar kien ipespes dan il-mewġ mill-qxur stendut ta’ dil-ħuta, li ma kienitx tistenniek fuq platt, ġej bla sabar ma’ dil-mejda lesta, tifli ’l-mewġ imġewwaħ jitqalleb miġbud lejn il-qamar?

(2005)

**Sigarett**

Sabiħ f'qiegħ moħħi nsib insett ħelu għadu fosdqa li ma ntebaħx bil-ġens tiegħu. Sabiħ f'inħawet ħsibijieti nsib kometa ċkejkna bi traċċi t'ilma u ġonna. Minn daqqiet, il-ġmiel jistrieħ f'qiegħ kartiera vojta - bħall-aħħar tifkira ta' l-għajbien. Tiflih waqt, u tintebah xi jfisser minnufih, u twarrab il-kartiera. Jibqa' biss il-waqt innifsu, li jaqbiżlek. Daqt anki 'l waqt jitolbok tagħti kasu. Issa waqtu – u sadattant anki waqtu għadda.

Dik il-ħajja, għalija. M'hemmx xi tgħid, taf tmerini. Kemm nixtieq nisimgħek, meta l-lejl itektikli mal-ħġieġ bħal għasfur skur li twebbel jidħol f'kamarti. Nagħrfu u naf għax ġie. U ma niftaħx. Niftaħ, minflok dan l-ilsien bħal pakket sigaretti skur antik. Ma noffrilekx mhux sew, mela noffri dan għalik.

(2005)

**Limbu**

Smajt ħoss tqil ta’ tir, imma xejn ma ġara. Dawwart il-kanna tal-pistola ’l hinn minn sidri u flejtha. Ħarset lura lejja bħalkieku mingħajr ħjiel x’kien dal-plejtu. Forsi kienet ħierġa dritt mill-fabbrika, il-lema safja ta’ fjamantezza. Ħassejt sidri. Kien niedi u jwaħħal. Sibt it-toqba li għamlet il-balla ħdejn biżilti. L-għadam miksur ċeda minnufih. Għamiltha.

Smajt ħoss tqil ta’ tir, imma xejn ma ġara. Dawwart il-kanna tal-pistola bil-mod lejn l-art u ħarist madwari. Il-kamra ħarset lura lejja bħalkieku mingħajr ħjiel x’kien dal-plejtu. Kollox nadif u f’postu, bħalkieku tnaddfet qabel vjaġġ. Deffist seba’ mit-taqba tal-kanna u għawwart min-naħa għall-oħra. Ġewwa kien fietel, artab u kwiet. Kemm jiġru f’daqqa l-affarijiet, għedt.

Smajt ħoss tqil ta’ tir, imma xejn ma ġara. Tfajt il-pistola fuq il-mejda u ħarist fil-mera. Ħarset lura lejja bħalkieku mingħajr ħjiel x’kien dal-plejtu. Raġel żagħżugħ u solenni, it-tip li Ċesri kellu bir-raġun biża’ minnu. Il-bandiera tal-Ġapan kienet qisha, il-qmis bajda karti bid-dabra ħamra tikber ftit ftit. Għax tgħid, imma, kif ma ħassejt xejn?

Smajt ħoss tqil ta’ tir, imma xejn ma ġara. Mort sat-tieqa u flejt il-belt xitwija. Ħarset lura lejja bħalkieku mingħajr ħjiel x’kien dal-plejtu. Kollox griż friżat, sad-dawl li nifed mis-sħab.

## 11  Aki Salmela

Għafast wiċċi mal-ħġieġ, u ħadt nifs qawwi. Lanqas dabra. Kemm jiġru f’daqqa l-affarijiet, għedt.

Smajt ħoss tqil ta’ tir, imma xejn ma ġara. Tfajt ġakketta fuq spallejha u ngħaqadt mal-folla barra t-triq. Ħarset lura lejja bħalkieku mingħajr ħjiel x’kien dal-plejtu. Uċuħ griżi mgħaġġla. Sat-tbissima li nifdet mill-monotonija kienet semikonxja. Imxejt żewġ passi fuq il-bankina. Għax tgħid, kif ħadt ma ta kas? Nikkonsla.

(2005)